**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 41/2016*

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Daryl Borg)**

**-vs-**

**Aidan Bartolo, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 225497M; u**

**Clyde Mallia, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 439899M**

**Illum**: 10 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Clyde Mallia u Aidan Bartolo u cioe` talli:

1. F'xi lejl bejn is-16 u t-18 ta' Jannar, 2016, ikkommettew serq ta' flus kontanti, sigaretti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa 'Lunch Box' sitwat ġewwa Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Ħamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Pierre Azzopardi, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

2. Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €2,500, iżda iżjed

minn €250, għad-dannu ta' Pierre Azzopardi, British American Tobacco Malta Malta u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

3. Nhar id-19 ta' Jannar, 2016, kmieni filgħodu, ikkommettew serq ta' flus kontanti, sigaretti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa 'Roni's Mini Market' sitwat ġewwa Triq l-Imħallef Paolo Debono, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Noble Samuel u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

4. Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €250, għad-dannu ta' Noble Samuel u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

5. Fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Jannar, 2016, ikkommettew serq ta' cash register, flus kontanti, u/jew oġġetti oħra minn ġewwa 'Truck Shop' sitwat ġewwa Triq Ħal Tarxien, Gudja, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Keith Gravina u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

6. Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €250, għad-dannu ta' Keith Gravina u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

7. Nhar it-28 ta' Jannar, 2016, għall-ħabta ta' sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs) ikkommettew serq ta' flus kontanti, sigaretti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa 'Diana Kiosk' sitwat ġewwa Putirjal, Valletta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Anthony Fenech, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

8. Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €2,500, iżda iżjed minn €250, għad-dannu ta' Anthony Fenech, British American Tobacco Malta Malta u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

Lil **Aidan Bartolo** waħdu talli:

9. Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru, 2015, flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa Kiosk 'Tanti Junior Paradise Gelateria' sitwat ġewwa ix-Xatt, Tas-Sliema liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Carmelo Tanti u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

10. Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €250, għad-dannu ta' Carmelo Tanti u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

Lil **Clyde Mallia** waħdu talli:

11. Nhar l-20 ta' Jannar, 2016, kmieni filgħodu, ikkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, xorb u/jew oġġetti oħra minn ġewwa 'Gudja United Football Club' Kbira, Gudja liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Trevor Thomas, il-Kumitat u/jew persuna/i u/jew entita/ijiet oħra;

12. Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €23.29, għad-dannu ta' Trevor Thomas, il-Kumitat u/jew persuna/i u/jew entita'/jiet oħra;

13. Talli b'hekk kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet għal-ħelsien mill-arrest, akkordati lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D., nhar it-12 ta' Jannar, 2016, liema kundizzjonijiet ingħatawlu taħt garanzija personali ta' €2,500;

    Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skont il-Liġi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Clyde Mallia ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li l-ammont ta' € 2,500 bħala garanzija personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

    Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

**Fil-konfront ta' Aidan Bartolo u Clyde Mallia:**

- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.618-619

- Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
- Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Fil-konfront ta' Aidan Bartolo:**

- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
- Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Fil-konfront ta' Clyde Mallia:**

- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
- Fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni permezz ta' liema rtirat l-akkuzi numru 3 u 4 migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, kif ukoll l-akkuzi numru 9 u 10 migjuba fil-konfront ta' Aidan Bartolo, u l-akkuzi numru 11 u 12 migjuba fil-konfront ta' Clyde Mallia u dan peress li mill-atti ma jirrizultawx.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi numru 3 u 4 fil-konfront taz-zewg imputati, tal-akkuzi numru 9 u 10 fil-konfront ta' Aidan Bartolo u l-akkuzi numru 11 u 12 fil-konfront ta' Clyde Mallia.

Il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-aggravju tal-valur fl-imputazzjoni numru 5 ma tirrizultax u ghalhekk din il-kwalifika (tal-valur) qed tigi rtirata. Il-Qorti ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kwalifika tal-valur in kwantu ghall-imputazzjoni numru 5.

Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2020, l-imputat Aidan Bartolo ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu <u>kif emendati</u>, u cioe` l-imputazzjonijiet numru 1, 2, 6, 7 u 8 kif ukoll l-imputazzjoni numru 5 minghajr l-aggravju ossia l-kwalifika tal-valur.

Rat li fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2020, l-imputat Clyde Mallia ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu <u>kif emendati,</u> u cioe` l-imputazzjonijiet 1, 2, 6, 7, 8 u 13 kif ukoll l-imputazzjoni numru 5 minghajr il-kwalifika tal-valur.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom kif emendati bil-verbal tal-prosekuzzjoni tat-13 ta' Jannar, 2020, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-twegibiet taghhom u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk xtaqu jergghu lura mill-ammissjonijiet maghmula.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom kif emendati, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom salv ghal dak li ser jintqal dwar l-imputazzjoni numru seba' (7).

Fl-imputazzjoni numru seba (7) dwar is-serq minn Diana Kiosk, propjeta` ta' Anthony Fenech, inghata wkoll l-aggravju tal-valur, liema aggravju hu anke rifless fl-artikoli indikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali. Madanakollu Anthony Fenech jixhed li kien sofra telf ta' €80 biss fejn is-sigaretti li kienu fil-magni tas-sigaretti *"kienu mal-art ghax min dahal ma hadhomx, ghax il-pulizija qabduhom fil-fatt"*.[2]

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[3]

> Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

---

[2] Fol.160

[3] Deciza 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

*"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.[4]*** "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** nghad:[5]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ….

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

"*..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati.*"

Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

---

[4] **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

[5] Deciza 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 99/2017.

Illi għalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali mhux wieħed mill-artikoli rezi applikabbli specifikatament għall-Qrati tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal-Kodici, mhemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonoqs serjament mid-doveri tagħha jekk issib persuna ħatja ta' fatti li ma jirrizultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliggenti.

Illi fid-dawl tar-rizultanzi processwali u fuq dan l-insenjament, l-imputati mhux qed jinstabu ħatja ta' serq aggravat bil-valur in kwantu għas-seba' (7) imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset l-ammissjoni tal-imputati għalkemm din ma ngħatatx fi stadju bikri, tan-natura tar-reati addebitati lill-imputati, tal-fedina penali tagħhom minn fejn jirrizulta li, fiz-zmien tal-imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab ħtija, Bartolo kien *first time offender* filwaqt li Mallia kien għadu minuri, kif ukoll tac-cirkostanzi l-oħra kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat ukoll, kif tajjeb dikjarat mill-abbli prosekutur, li l-akkuzi numru 2, 6 u 8 servew bħala mezz ai fini għall-akkuzi numru 1, 5 u 7 rispettivament.

Mid-digriet u kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest akkordat lil Clyde Mallia, jirrizulta li l-ammont komplessiv ta' €2,500 kien ingħata bħala garanzija biex jagħmel tajjeb għall-ħelsien mill-arrest tiegħu.[6] L-Ispettur Spiridione Zammit ikkonferma l-identita` tal-imputat Mallia bħala l-istess imputat li jissemma f'dak id-digriet.[7] Id-difiza ta' Mallia b'verbal datat it-13 ta' Marzu, 2020, ikkonfermat li l-*"akkuza nru. 13 tirrigwarda proceduri li għadhom pendenti u ma kien hemm ebda res judicata"*.

Dwar dan il-ksur gie kkunsidrat ukoll li l-konfiska tal-garanzija hi **konsegwenza tassativa** meta persuna jinstab ħati li kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

Issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Dustin Bugeja**:[8]

> Illi illum bl-emendi li daħħlu fis-seħħ permezz ta'l-Att VIII tal-2015 dina id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda daħħlet "*blanket provision*" li ma tħalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu għandha issa tassattivament issir dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wieħed serju jew *de minimis*.

---

[6] **Dok.SZ1** a fol. 424-425

[7] Fol.423

[8] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Deciza 25 ta' Frar, 2016; Appell Nru: 493/2013

L-istess Qorti, diversament preseduta, fis-senetnza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Biondy Clayd RAAFENBERG** iddecidiet:[9]

> 10. Illi kwantu għat-tieni aggravju, l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex diskrezzjoni jekk tordnax li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew le. Il-Liġi hija tassattiva u bla kantunieri. Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja :
>
> (a) il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien; **u**
>
> (b) l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta; **u**
>
> (c) minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'dan ir-reat għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest; **u**
>
> (d) il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna; **u**
>
> (e) il-proċedimenti għal dan ir-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza; **u**
>
> (f) Il-Pulizija tista tidħol f'kull fond biex tiżgura li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti jkunu qegħdin jiġu mħarsa; **u**
>
> (g) Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata ta' reat ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.
>
> 11. F'dan l-isfond kollu għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx fis-sentenza tagħha ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija. L-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputati ma ghamlu l-ebda rizarciment jew wrew xi intenzjoni li jikkumpensaw lill-persuni derubati ghall-hsara u telf minnhom kawzati.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, fejn il-valur tar-*res furtiva* kien jeccedi l-€2,329.37c, japplika l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

> (2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:

[9] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Deciza 12 ta' Dicembru, 2019; Appell Nru. 451 tal-2018

Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad.

F'dan il-kaz l-ahhar artikolu huwa l-artikolu 279(b) li jipprovdi ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien minn tlettax il-xahar sa seba' snin. Il-Qorti ma ghandiex diskrezzjoni f'dan ir-rigward u ghalhekk tassattivament dawk il-pieni (fl-artikolu 279(b)) ghandhom jizdiedu bi grad, biex galadarba s-serq hu aggaravt bil-valur, li jeccedi l-€2,329.37c, u bil-kwalifika tal-mezz, il-piena ghall-ewwel imputazzjoni wahedha hi dik ta' ta' prigunerija ghall-zmien minn tmintax il-xahar (18) sa disa' (9) snin.

Fir-rigward ta' Mallia dik il-piena ghandha tibbenefika minn tnaqqis ta' bejn grad jew zewg gradi tenut kont tal-fatt li fiz-zmien tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, hu kien ghadu minuri.[10]

Ghaldaqstant, minkejja dak sottomess mill-abbli difensuri ta' Bartolo, il-Qorti hi prekluza milli teroga piena ai termini tal-*Att dwar il-Probation* tenut kont li ma tressqu l-ebda provi li juru li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw li, f'kaz ta' sejbien ta' htija, il-hati ghandu jitqiegħed taht ordni ta' *probation* hekk kif imsemmi fl-ewwel proviso ghall-artikolu 7(2) tal-*Att dwar il-Probation*. Anzi, mix-xhieda tal-ufficjal tal-probation, jirrizulta ampjament ippruvat in-nuqqas t'affidabilita` tal-imputat Bartolo kif wara kollox, tixhed il-fedina penali aggornata tieghu. Irrizulta wkoll li Bartolo prezentement qed jiskonta sentenza ta' prigunerija u ghalhekk il-Qorti hi prekluza milli tinfliggi fuqu sentenza ta' prigunerija sospiza u dan ai termini tal-Artikolu 28A(7)(a) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru 3 u 4 fil-konfront taz-zewg imputati, tal-imputazzjonijiet numru 9 u 10 fil-konfront ta' Aidan Bartolo u l-imputazzjonijiet numru 11 u 12 fil-konfront ta' Clyde Mallia, kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kwalifika tal-valur fl-imputazzjoni numru 5 addebitata liz-zewg imputati, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2), 279(a)(b), 280(1)(2), 281, 325(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fir-rigward ta' Clyde Mallia wahdu wara li rat ukoll l-artikoli 37(2) u 579 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputati mill-kwalifika tal-valur fl-imputazzjoni numru seba' (7), issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghhom, u tikkundannahom kif gej:

lil **Aidan Bartolo** ghall-perjodu ta' prigunerija ta' **tmienja u ghoxrin (28) xahar;** u

[10] Vide verbal tat-12 ta' Frar, 2020

lil **Clyde Mallia** ghall-perjodu ta' prigunerija ghal **ghoxrin (20) xahar,**

minn liema termini ghandu jitnaqqas kwalunkwe zmien li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-imputazzjonijiet.

Inoltre` tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' **€2,500** hekk kif indikat fid-digriet ghall-helsien mill-arrest akkordat lill-imputat Clyde Mallia, moghti mill-Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar it-12 ta' Jannar, 2016.[11]

Finalment tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest imsemmi w tordna l-arrest mill-gdid ta' Clyde Mallia.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallsu l-ammont ta' €692.50c[12] kull wiehed rapprezentanti spejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**

[11] **Dok.SZ1** a fol.424-425

[12] L-ispejjez peritali jammontaw ghal €1,385. Dan l-ammont ikopri biss l-ispejjez peritali relatati mas-serqiet mill-Lunch Box, Blata l-Bajda (ghajr ghar-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia a fol.593 et seq), Diana Kiosk, Puturjal u Truck Stop, Gudja.